MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 975/2000/1

**Avviz Nru 975/00 - DM**

**Atlas Insurance Agency LTd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Eden Hotels Ltd u f'isimha proprju**

**Vs**

**George Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma komplessiva ta' Lm585 (hames mija hamsa u tmenin lira Maltin) danni imhalsa mill-attur nomine fuq vettura KTP 001 assikurata comprehensive hlief ghall-mija u hamsa u sebghin lira

Maltin (Lm175) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Eden Hotels Ltd u dan b'rizultat ta' habta li grat fl-4 ta' Settembru 1998 go H'Attard waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura EAH 143 u meta habat mal-vettura KTP 001 proprieta' ta' Eden Hotels Ltd. u misjuqa minn Simon Decesare u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-15 ta' Mejju 2000 u bl-imghax tat-8% fuq is-somma ta' Lm585 mill-15 ta' Mejju 2000 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali ta' 26 ta' Lulju 2000 kontra Fogg Insurance Agencies Ltd, assiguraturi tal-konvenut George Camilleri kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Camilleri fejn eccepixxa illi:-

1 Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom stante illi ghall-incident imsemmi huwa ma kellu l-ebda tort;
2 Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti.

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi dwar ir-responsabbilta' tal-kollizzjoni in kwistjoni jikkonsistu esklusivament fid-deposizzjoni tas-sewwieq tal-vettura assigurata mall-atturi u ta' Ps1048 Mario Busuttil l-Ufficjali li kien investiga l-kaz.

Minn dawn il-provi jirrizulta ampjament illi kien is-sewwieq tal-vettura ta' Eden Hotels Ltd illi kien qieghed jipprocedi fit-triq principali waqt li l-konvenut kien qieghed jipprova johrog minn triq laterali ghal go triq principali.

Jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Simon Decesare, illi ghalkemm il-konvenut kien hiereg minn triq sekondarja ghal go triq principali u ghalkemm Simon Decesare kien qed isuq fit-triq principali, u ghalkemm il-konvenut kellu 'stop sign' biex jindikalu li ma setghax jaqbad u johrog go triq principali u ghalkemm Simon Decesare attiralhu l-attenzjoni ghal-prezenza tieghu billi daqqlu l-'horn', il-konvenut injora dan kollu ipproceda ghal go triq principali u saret il-habta.

Billi l-konvenut ghazel li ma jipproduci ebda prova in kontestazzjoni ta' dak li gie allegat mill-atturi, ir-responsabbilta' esklussiva tieghu ghall-incident tirrizulta ampjament ipprovata. Ghaldaqstant il-konvenut irid jirrispondi ghad-danni minnhu kkawzati lill-atturi.

Mid-dokumenti esibiti jirrizulta ampjament illi n-nefqa totali biex gew riparati d-danni soferti mill-atturi ntnefqet is-somma komplessiva ta' Lm585 (hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin) kif mitluba fl-avviz.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm585 (hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Mejju 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ49